MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' April, 2004

Numru. 167/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**- vs -**

**JOSEPHINE SALIBA**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Josephine Saliba mart Paul bint Grezzju Rotin u Mary nee` Gauci imwielda fl-20 ta’ Dicembru 1944 u residenti ‘Sept. Morn’, Triq San Pawl,Munxar, Ghawdex, (Karta ta’ l-Identita` Nru 13045 G) giet imressqa quddiemha akkuzata talli fis-17 ta’ Jannar 2004 ghall-habta tat-8.30a.m., waqt li kienet fil-Pjazza tal-Knisja, Munxar, heddedt lil Frances Rotin bi kliem (Art 339 (e) Kap 9)

Il-Qorti kienet gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija tapplika l-artiklu 383 tal-Kodici Kriminali;

Semghet il-provi tal-prosekuzzjoni u cioe` lil PS 1040 u lil Frances Rotin.

Semghet lill-imputata Josephine Saliba tixhed minn jeddha b'mod volontarju u lil bintha Pauline Grech.

Rat l-artikoli tal-Ligi u cioe` 339 (e) tal-Kap 9 u 383 tal-istess Kap tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat illi mill-provi prodotti l-akkuza giet ippruvata anke mix-xhieda tal-imputata stess pero fic-cirkostanzi tikkundannha ghall-hlas ta' ammenda ta' hames liri Maltin (Lm5).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------